**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 56– 26 ta' Novembru 2018**

***Minuti tat-56 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar fis-26 ta' Novembru, 2018 fis-7:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-7:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 56. Il-laqgha bdiet fil-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Vici-Sindku |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal prezenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Ezekuttiv |

56.1 Arbitragg Nru. 3655/13 – Bonnici Brothers Limited (C3905) v. Kunsill Lokali Haz-Zebbug

Il-laqgha bdiet fis-7:10pm. Is-Sindku Sarah Agius Saliba flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv taw l-informazzjoni li wasslet lilhom dwar l-ispjegazzjoni tas-sentenza tal-arbitragg mill-Avukat Edward Gatt li kien inbeda fl-2013 minn Bonnici Bros. Fi ftit kliem din is-sentenza tghid li l-Kunsill ghandu jhallas

- is-somma 'ga likwiditata' ta' Eur488,289.83
- jhallas imghaxijiet li bdew jiddikorru fl-24 April 2012 fuq Eur59,057.09
- jhallas l-imghaxijiet fuq Eur13,790.33 mid-data tas-sentenza

Il-punti li gew sollevati mill-Kunsill ma gewx milqugha mill-Arbitragg, kollha kemm huma, filwaqt li l-imghaxijiet huma ta' 8%.

Il-parir li nghata mill-Avukat Edward Gatt huwa li kemm-il-darba jsir l-appell huwa difficli hafna li jitnaqqas l-ammont u li jekk jitnaqqas l-ammont, l-interessi xorta jibdew jghoddu mid-data ta' din is-sentenza. Barra minn hekk l-appell jibda jinstema madwar tlett snin ohra u jinqata fi zmien qasir. Ghalhekk wiehed ghandu jkun prudenti fid-decizjoni jekk isirx l-appell, ghaliex wiehed jista jispicca b'aktar spejjez u imghaxijiet. Min jappella jkun jrid ihallas ghall-ispejjez legali.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li jinsab verament imhasseb dwar din is-sentenza ghaliex fl-opinjoni tieghu ikollu kemm ikollu ragun il-Kunsill, qatt ma jista jehodha kontra kuntrattur. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li l-arbitragg lanqas il-kundizzjonijiet li kienu standard fil-kuntratti tal-PPP ma gew accettati ghaliex li kieku l-kuntrattur kien jehel xi penali ghal fatt li abbanduna l-progett, meta fil-kuntratt hemm specifikat imnizzel li hemm penali applikabli. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti kompla jghid li meta l-kuntrattur kien abbanduna x-xoghlijiet, il-Kunsill unanimament kien qabel li tingibed l-performance bond. Huwa qal ukoll li saru laqghat mal-

OPM mis-Segretarju Privat tal-ex Priministru Lawrence Gonzi, sabiex jirrisolvu l-problema. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti qal li l-kumpanija li ghamlet it-testing hija Zrar Ltd, kumpanija sussidjarja 100% ta' Bonnici Bros. Il-Vici-Sindku qal li l-Kunsill dejjem kien unanimu kemm meta ttiehdet il-performance bond u anke meta l-kuntrattur inhargulu l-multi.

Kemm is-Sindku u kemm il-Vici-Sindku qalu li jehtieg li kemm il-Ministeru kif ukoll id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ghandhom jaghtu l-ghajnuna taghhom.

Is-Sindku Sarah Agius Saliba qalet li taqbel ma' dak kollu li ntqal mill-Vici-Sindku. Hija tenniet li hija tal-opinjoni li l-Kunsill ma jappellax mis-sentenza. Dan ghaliex kif gie spjegat mill-Avukat Edward Gatt l-appell idum tlett snin biex jibda jinstema u milli jidher tama hemm mill-anqas li dan l-appell jintrebah. Jekk isir l-appell il-Kunsill kull ma jkun qed jaghmel hu li jipposponi l-problema lill-Kunsilli ta' wara. Is-Sindku kompliet tghid li ghandna tintalab l-ghajnuna mid-DLG u mill-Ministeru li jaqa' tahtu l-Kunsill.

Il-Kunsillier  Clive Azzopardi qal li ma jahsibx li ghandu jsir appell ghar-raguni li jekk jitnaqqas xi haga mill-ammont li jrid jithallas, l-interessi xorta jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza inizjali.

Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ppropona li fid-dawl tal-mod kif inghatat id-decizjoni tal-Arbitragg fil-kawza Bonnici Brothers Ltd. Kontra l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug (3655/2013) u fid-dawl tal-fatt li din id-decizjoni kienet ghal kollox zbiljancjata kontra l-Kunsill, u li jfisser li l-possibilita u l-probabbilita li din id-decizjoni fl-Appell huma prattikament inezistenti u ghaldaqstant  dan il-Kunsill qieghed jiddeciedi li ma jappellax minn din is-sentenza. Is-Sindku Sarah Agius Saliba ssekondat din il-mozzjoni.

**Kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha prezenti. Din id-decizjoni kienet wahda unanima.**

Sadanittant il-Kunsill qabel li jinhatar l-Avukat Edward Gatt sabiex tinkiteb ittra lill-Bonnici Bros. fejn jigi nfurmat li l-Kunsill mhux qed jappella u sabiex jippruvaw isiru negozjati mal-kuntrattur dwar il-mod tal-hlas.

Il-laqgħa spiccat fit-8:15pm. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018 fis-6:00pm.

**Sarah Agius**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Ezekuttiv**

,